MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Numru 261/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo**
**Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**Renald Rotin**
**Michael Ellul**
**Mario Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Renald Rotin, ta’ 25 sena, bin Mario u Salvina nee’ Agius, imwieled Pieta’ nhar it-3 ta’ April 1980 u li joqghod f’10, Triq il-

Marlogg, Zabbar, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 225780M

Kif ukoll lil Michael Ellul, ta’ 21 sena, bin Carmelo u Carmen nee’ Lia, imwieled Pieta’ nhar it-23 ta’ Gunju 1984 u li joqghod f’9, Triq ic-cimiterju, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 303084M

Kif ukoll lil Mario Scerri, ta’ 22 sena, bin Carmel u Pauline nee’ Coppini, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Marzu 1983 u li joqghod f’3, triq ix-Xaghajra, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 189583M gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta’ Marzu, 2001 u matul is-sitt xhur ta’ qabel din id-data, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. nhar it-22 ta’ Marzu 2001, ghal habta tas-00:45 ta’ filghodu, f’Haz-Zabbar, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, hin, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija ghad-detriment ta’ David Desira minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;
2. kif ukoll, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tiskorri il-hamsin lira maltin saret ghad-detriment ta’ David Desira minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra
3. kif ukoll, nhar it-22 ta’ Marzu 2001 f’xi hin qabel is-00:45 ta’ filghodu, Haz-Zabbar, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, hin, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija minn banka tal-lottu pubbliku, ghad-detriment ta’ George Vella minn Haz-Zabbar u/jew persuni ohra, urew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;
4. kif ukoll talli nhar it-22 ta’ Marzu 2001 f’xi hin qabel is-00:45 ta’ filghodu, f’Haz-Zabbar, bil-hsieb li jikkommettu delitt ta’ serq ikkwalifikat bil-vjolenza numerika, mezz, hin,

kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija minn banka tal-lottu pubbliku ghad-detriment tad-dirigenti tal-istess banka tal-lottu, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;

Kif ukoll Renald Rotin u Michael Ellul wahedhom gew akkuzati

1. talli f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn is-6:45 ta' filghaxija tat-13 ta' Frar 2001 u id-9:10 ta' filghodu tal-14 ta' Frar 2001, f'Haz-Zabbar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' flus, u hwejjeg, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-hin, sar ghad-detriment ta' Rita Portelli minn Haz-Zabbar
2. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' hin, data u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin saret ghad-detriment ta' Rita Portelli minn Haz-Zabbar;
3. kif ukoll, f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it-7:45 ta' filghaxija tat-13 ta' Frar 2001 u is-7:30 ta' filghodu tal-14 ta' Frar 2001, f'Haz-Zabbar, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' flus, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-hin, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin sar ghad-detriment tad-dirigenti tal-hanut bl-isem 'Big Bon'
4. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' hin, data u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin saret ghd-detriment tad-dirigenti tal-hanut bl-isem 'Big Bon';
5. kif ukoll talli f'xi hin bejn 11:45 ta' bil-lejl tat-22 ta' Frar 2001 u is-6:00 ta' filghodu tat-23 ta' Frar 2001, f'Bormla, ikkommettew serq ta' oggetti u cioe' flus, minn banka tal-lottu, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, sar ghad-detriment ta' Carmel Muscat minn Birkirkara u/jew persuni ohra;
6. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' hin, data u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema

hsara li tiskorri il-hamsin lira maltin saret ghad-detriment ta’ Carmel Muscat minn Birkirkara u/jew persuni ohra;
7. kif ukoll talli matul il-perjodu ta’ bejn is-7:00 ta’ filghaxija tas-26 ta’ Frar 2001 u it-8:00 ta’ filghodu tat-27 ta’ Frar 2001, ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ flus, biljetti rebbieha tal-lottu u diversi oggetti ohra minn banka tal-lottu, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-hin, mezz kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, sar ghad-detriment ta’ Lorenzo Attard minn Haz-Zabbar;
8. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ hin, data u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, saret ghad-detriment ta’ Lorenzo Attard minn Haz-Zabbar;
9. kif ukoll talli matul il-perjodu ta’ bejn it-8:30 ta’ filghaxija tas-26 ta’ Frar 2001 u is-1:25 ta’ wara nofs in nhar tas-27 ta’ Frar 2001 ikkommettew serq ta’ oggetti u cioe’ flus, minn banka tal-lottu, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-hin, u bill-mezz, sar ghad-detriment ta’ Tarcisio Bonnici minn Bormla;
10. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ hin, data u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin saret ghad-detriment ta’ Tarcisio Bonnici minn Bormla;

Kif ukoll Michael Ellul wahdu gie akkuzat

1. matul il-perjodu ta’ bejn il-11:00 ta’ filghodu tal-15 ta’ Frar 2001 u is-6:00 ta’ filghodu tas-16 ta’ Frar 2001, bil-hsieb li jikkommetti delitt u cioe’ serq ta’ flus u oggetti ohra minn banka tal-lottu, ikkwalifikat bil-hin, mezz kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, ghad-detriment ta’ George Vella minn Haz-Zabbar, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni ta dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;
2. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ hin, data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbl, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, saret ghad-detriment ta’ George Vella minn Haz-Zabbar;

kif ukoll Renald Rotin wahdu gie akkuzat

1. matul il-perjodu ta’ bejn is-7:15 ta’ filghaxija tad-9 ta’ Frar 2001 u is-6:30 ta’ filghodu ta’ l-10 ta’ Frar 2001, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ flus, liema serq li huwa ikkwlifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltin, sar ghad-detriment ta’ Domenic Farrugia minn Haz-Zabbar;
2. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ hin, data u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, saret ghad-detriment ta’ Domenic Farrugia minn Haz-Zabbar;
3. kif ukoll talli nhar it-12 ta’ Dicembru 2000, ghal habta tad-9:15 ta’ filghaxija f’Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ flus u affarijiet ohra minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAG-185, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, bin-natura tal-haga misruqa kif ukoll bil-valur ma jiskorrix l-elf lira Maltija, sar ghad-detriment ta’ Joseph Mallia mis-Siggiewi;
4. kif ukoll talli nhar it-12 ta’ Dicembru 2000, f’xi hin wara d-9:15 ta’ filghaxija f’Haz-Zabbar, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ flus minn vann ipparkjat, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin, u bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta’ persuna b’identita s’issa mhux maghrufa;
5. kif ukoll talli fil-perjodu ta’ bejn it-22 ta’ Marzu 2001 u ix-xhur ta’ qabel din id-data, waqt li kien f’Bormla, ikkommetta serq ta’ oggett u cioe’ stereo tal-karozzi, liema serq li huwa ikkwalifikat bin-natura tal-haga misruqa, sar ghad-detriment ta’ Deo Bigeni minn Haz-Zabbar;
6. kif ukoll talli fil-perjodu ta’ bejn it-22 ta’ Marzu 2001 u ix-xhur ta’ qabel din id-data, f’Bormla, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe’ flus minn banka tal-lottu, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bil-hin, sar ghad-detriment ta’ Francis Bugeja mill-Gzira;
7. kif ukoll talli fl-istess perjodu ta’ hin, data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hamsin lira Maltin, saret ghad-detriment ta’ Francis Bugeja mill-Gzira;

U fl-ahharnett, Renald Rotin wahdu gie akkuzat talli kiser il-provediment tal-artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta meta b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta datata 15 ta' Frar 2001, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel gie moghti il-liberta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Innutat li l-imputati fl-ezami taghhom fil-presenza tal-avukati rispettivi taghhom wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Il-Qorti wissiet lill-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u taghthom ftit taz-zmien sabiex jiddeciedu jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, u wara li gew mistoqsija jekk jikkonfermawx l-ammissjoni taghhom jew le, l-imputati fil-presenza tal-avukati rispettivi taghhom regghu wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum, l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija. Inoltre l-istess Ufficjali Prosekuturi u Dr Patrick Valentino Avukat tal-Ghajnuna Legali tal-imputat Michael Ellul u Dr Veronique Dalli ghall-imputat Mario Scerri iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati kommessi mill-imsemmija imputati Michael Ellul u Mario Scerri, dawn l-imputati kienu ghadhom taht l-eta' ta' 18-il sena.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat fil-konfront tal-imputat Renald Rotin l-artikoli 18, 31, 41(1)(a), 261(a), (b), (c), (f) u (g), 262(b), 263, 267, 270, 271(g), 276, 279(a) u (b), 280(2), 281(a), 325(b) u (c) tal-Kap. 9 u l-artikolu 5 tal-Kap. 152 (illum Kap. 446) tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Michael Ellul l-artikoli 18, 31, 37, 41(1)(a), 261(a), (b), (c) u (f), 262(b), 263, 267, 270,

276, 279(a) u (b), 280(2), 281(a), 325(b) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat fil-konfront tal-imputat Mario Scerri l-artikoli 18, 31, 37, 41(1)(a), 261(a), (b), (c) u (f), 262(b), 267, 270, 276, 279(a) u (b), 280(2), 281(a) u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Renald Rotin, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi minn naha l-wahda il-fedina penali xejn felici tal-imputat u minn naha l-ohra il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Renald Rotin ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija.

Issib lill-imputati Michael Ellul u Mario Scerri, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li dawn l-imsemmija imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri, illi l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputati kkoperaw bis-shih mal-Pulizija, li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjali Prosekuturi u Dr Patrick Valentino Avukat tal-Ghajnuna Legali tal-imputat Michael Ellul u Dr Veronique Dalli ghall-imputat Mario Scerri iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati kommessi mill-imsemmija imputati Michael Ellul u Mario Scerri, dawn l-imputati kienu ghadhom taht l-eta' ta' 18-il sena, il-fedina penali netta tal-imputat Mario Scerri u l-fedina penali tal-imputat Michael Ellul, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmija imputati Michael Ellul u Mario Scerri ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija kull wiehed u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputati Michael Ellul u Mario Scerri jikkommettu reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti qeghda taghti lill-imputati Michael Ellul u Mario Scerri l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment il-Qorti tordna, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li kopja ta' din is-Sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------